## KIF TISTA' TGĦIN?

Evita li tuża dwal qawwija u mużika għolja qrib il-postijiet fejn ibejtu
**Biex tara fejn jinsabu dawn il-postijiet, ara l-mappa li hemm fuq ġewwa**

Iddisponi mill-iskart u l-plastik b'mod responsabbli biex tgħin ħalli ma jkunx hawn tniġġis tal-baħar

Oqgħod attent meta tistad qrib il-kolonji tal-għasafar tal-baħar, speċjalment filgħaxija

## SIBT GĦASFUR TAL-BAĦAR MAQBUD F'TAGĦMIR TAS-SAJD?

Jekk taqbad Garnija bi żball waqt li tkun qed tistad, neħħilha s-sunnara bil-mod u erġa' eħlisha fil-baħar

ATTENZJONI!
Jekk tkun belgħet is-sunnara, tiġbidhiex 'il barra. Minflok, ċempel lil BirdLife Malta mill-ewwel għall-assistenza.
Numru tat-telefon: +356 2134 7646

Jekk issib Garnija maqbuda fix-xbieki imma li ma jkollha l-ebda ġrieħi, eħlisha bil-mod u erġa' ħalliha fil-baħar

*Aktar informazzjoni dwar il-problema tal-għasafar tal-baħar li jispiċċaw jinqabdu bi żball fix-xbieki tas-sajd (seabird bycatch) tista' ssibha hawnhekk: www.birdlife.org/bycatch*

## IL-PROĠETT LIFE ARĊIPELAGU GARNIJA

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija għandu l-għan li jagħmel mill-Gżejjer Maltin santwarju tal-Garnija. Permezz ta' monitoraġġ, miżuri ta' konservazzjoni u azzjonijiet li jqajmu kuxjenza dan il-proġett qed jaħdem biex inaqqas il-perikli li tiffaċċja din l-ispeċi ta' għasfur tal-baħar kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar.

*Il-proġett qed jitwettaq minn BirdLife Malta fuq perjodu ta' ħames snin (2015-2020) u huwa kofinanzjat mill-UE (60%).*

**Żomm ruħek aġġornat:**
www.birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
+356 2134 7646 | info@birdlifemalta.org
facebook/arcipelagugarnija
@MaltaSeabirds

LIFE14 NAT/MT/991

L-imsieħba fil-proġett:
Transport Malta · BirdLife Malta · rspb giving nature a home

Il-proġett hu kofinanzjat minn:
MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

*Kitba* Paulo Lago & Jessica Irwin • *Ritratti* Victor Paris & Aron Tanti • *Disinn* Veerle van Werde

# NIŻGURAW IL-ĦARSIEN TAL-GARNIJA FUQ IL-BAĦAR



LIFE ARĊIPELAGU GARNIJA

# PERIKLI FUQ IL-BAĦAR

*Il-Garnija qed tiffaċċja futur inċert. Fl-aħħar għexieren ta' snin kien hemm tnaqqis qawwi fil-popolazzjoni dinjija ta' din l-ispeċi u llum ġiet ikklassifikata bħala 'vulnerabbli' fir-Red List tal-IUCN, minħabba li tista' tispiċċa fir-riskju tal-estinzjoni jekk ma jitnaqqsux il-perikli li qed tiffaċċja. Il-Garni huwa inkluż f'Annex 1 tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar, u dan jagħtihom ħarsien speċjali fil-pajjiżi tal-UE. Madanakollu, jista' jsir aktar biex ikun żgurat li jiġu mħarsa fit-tul.*

## Għaliex in-numri qed ikomplu jonqsu?

### Tniġġis mill-istorbju u mid-dwal

Il-Garni jirritornaw lejn il-kolonji tagħhom fid-dlam biex jevitaw l-attakki mill-predaturi. Huma sensittivi ħafna għad-dawl u jekk l-irdumijiet ikunu mdawlin ma jidħlux lura fuq l-art. It-tniġġis mid-dawl u mill-istorbju jikkawża tfixkil u jista' saħanistra jwassal biex kolonji sħaħ ta' dawn l-għasafar jiġu abbandunati, minbarra li jtellef ukoll lil dawn l-għasafar milli jbejtu.

### Tfixkil mid-dgħajjes

Meta dgħajjes jersqu qrib il-kolonji fejn ibejtu dawn l-għasafar – speċjalment għerien mal-baħar – b'mużika għolja u dwal, dan jista' jikkawża tfixkil qawwi. Meta Garni adulti jkunu qed isaħħnu l-bajd biex ifaqqsu jew inkella jkollhom il-frieħ, dan jista' jikkawża stress li possibbilment itellef it-tentattivi ta' riproduzzjoni. Finalment, dan ikollu impatt fuq in-numri u l-popolazzjoni globali ta' dawn l-għasafar.

### Bycatch tal-għasafar tal-baħar

Kull sena, għasafar tal-baħar bħalma hija l-Garnija jispiċċaw feruti jew maqtula kaġun tas-sajd minħabba li jiġu attirati lejn il-lixka li tintuża fis-sajd bil-konz, jew inkella jinqabdu fix-xbieki tal-garġi li jintużaw fis-sajd bil-parit.

### Tniġġis tal-baħar

Bħal kull kreatura oħra tal-baħar, meta l-għasafar tal-baħar jibilgħu l-plastik dan jikkawżalhom problemi fis-sistema diġestiva u joħolqilhom ukoll problemi biex jieklu. Min-naħa l-oħra ż-żjut fil-baħar jikkawżaw danni lir-rix ta' dawn l-ispeċi li huma magħmulin b'mod li ma jgħaddix ilma minnhom. Din is-sistema tgħinhom jipproteġu lilhom infushom fl-ambjent marittimu u ma tħallix l-ilma jippenetra mir-rix lejn il-ġisem tal-għasfur biex b'hekk iżomm lilu nnifsu sħun.




# GĦASAFAR OĦRA TAL-BAĦAR

## Ċiefa



**Isem bl-Ingliż:** Scopoli's Shearwater
**Isem xjentifiku:** *Calonectris diomedea*
**Tul:** 45-56cm
**Ġwienaħ:** 112-122cm
**Status legali f'Malta:** Protetta

## Kanġu ta' Filfla



**Isem bl-Ingliż:** Mediterranean Storm-petrel
**Isem xjentifiku:** *Hydrobates pelagicus melitensis*
**Tul:** 15-16cm
**Ġwienaħ:** 36-39cm
**Status legali f'Malta:** Protett

## Gawwija Prima



**Isem bl-Ingliż:** Yellow-legged Gull
**Isem xjentifiku:** *Larus michahellis*
**Tul:** 52-58cm
**Ġwienaħ:** 120-155cm
**Status legali f'Malta:** Protetta

# IL-GARNIJA



**Isem bl-Ingliż:** Yelkouan Shearwater
**Isem xjentifiku:** *Puffinus yelkouan*
**Tul:** 30-35cm
**Ġwienaħ:** 70-84cm
**Status legali f'Malta:** Protetta



Il-Garni jkollhom il-parti ta' fuq sewda u dik ta' taħt bajdanija. Il-munqar tagħhom huwa skur, bil-ponta fil-forma ta' ganċ u t-toqob ta' barra ta' mneħirhom ikunu fil-forma ta' tubu. Ħafna drabi jidhru jittajru b'qadfiet mgħaġġlin, iħufu baxx mal-mewġ viċin ħafna ta' wiċċ il-baħar.

Il-Garni, li huma għasafar tal-baħar, għandhom sehem essenzjali biex l-ekosistema tinżamm b'saħħitha u bbilanċjata għax iservu bħala sapport għall-ħajja tal-baħar iffurmata minn annimali u pjanti oħra. Dan l-għasfur jinstab biss fir-reġjun tal-Mediterran u sa 10% tal-popolazzjoni globali tiegħu tbejjet fil-Gżejjer Maltin. Għalhekk għandna responsabbiltà li niżguraw il-konservazzjoni ta' din l-ispeċi importanti.

Dawn l-għasafar tal-baħar iqattgħu ħafna mill-ġurnata jfittxu l-ikel fuq il-baħar u jirritornaw biss fil-bejtiet tagħhom fuq l-art matul il-lejl. Jibnu l-bejta f'għerien tal-baħar u fi rdumijiet wieqfa fuq il-kosta. F'Marzu n-nisa jbidu bajda waħda li tissaħħan miż-żewġ ġenituri. Meta l-bajda tfaqqas, il-ġenituri jfittxu ħut żgħir, krustaċji u klamari biex jitimgħu lill-ferħ tagħhom u biex jagħmlu dan ħafna drabi jivvjaġġaw mijiet ta' kilometri jfittxu l-ikel. Kapaċi jogħdsu sa fond ta' 30m biex jaqbdu l-priża tagħhom.

LIFE ARĊIPELAGU GARNIJA